Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA

Appell Numru 41/2016

Dr Jeffrey Pullicino Orlando

Vs

Il-Kummissarju għall-informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Deċiżjoni: 14 ta' Settembru 2017 fis-1pm

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

**It-Tribunal**

Ra l-appell ta' Dr Jeffrey Pullicino Orlando li permezz tiegħu appella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tat-18 ta' Novembru 2016 li permezz tagħha l-istess Kummissarju kien iddeċieda li l-istess appellanti ma għandux raġun stante li ma kienx hemm ksur tal-protezzjoni tad-data in vista li "the complainant is a public person and the reported activities did not happen in a secluded place which is exclusively available to the data subject. Furthermore, the blog posts do not reveal or expose any pieces of personal data which the general public could have never become aware of. In this case the journalistic rights to impart the whereabouts of a public person do not prejudice his right to data protection as afforded under the Data Protection Act. Having said this, as affirmed by judgments delivered by the European Court of Human rights this may, affect the data subject's right to privacy."

Ra li dan l-każ jirrigwarda l-perjodu tas-snin 2010 u 2012 meta l-appellanti kien membru tal-Parlament Malti u fis-snin 2014 u 2016 fejn huwa ma kienx membru Parlamentari iżda kien Chairperson ta' Bord governattiv.

Ra li l-blogs kienu jikkonċernaw dan l-appell huma s-segwenti:

Dok JPO 1 - 15 ta' Frar 2014 fis-7.23pm li permezz tiegħu Daphne Caruana Galizia ppublikat li l-appellanti kien fuq titjira tal-Air Malta lejn Catania l-ġurnata ta' qabel flimkien mal-assistenta personali tiegħu Lara Boffa u saqsiet hija ħaditx leave biex issiefer .

**Ilment tal-appellanti**: li xandru l-fatt in real time u jien ma kontx qiegħed go ħwejġi, esponew il-proprjetà tiegħi anke għall-attenzjoni kriminali. Ma kontx qed niltaqa mal-ebda ditattur u għalhekk mhix ta' interess pubbliku. (seduta 25 ta' April 2017).

Dok JPO 2 - 22 ta' Novembru 2014 fil-11.06pm li permezz tiegħu Daphne Caruana Galizia ppublikat li l-appellanti kien flimkien ma' Lara Boffa, u oħrajn kien song contest li wara ħalla lil Lara Boffa waħedha biex mar ħdejn il-Magistrat Consuelo Herrera u Robert Musumeci u Karl Stagno Navarro wkoll kien prezenti.

**Ilment tal-appellanti**: kont qiegħed song for Europe Contest attività li mhix ta' interess pubbliku. Hija attività li r-rapport dwarha sar in real time u tesponi ħwejġi u familti għall-attenzjoni potenzjalment kriminali it's not right and acceptable. (seduta 25 ta' Apri l 2017).

Dok JPO 3 - 27 ta' Novembru 2014 fit-3pm li permezz tiegħu Daphne Caruana Galiza ppublikat li c-chairman tal-Malta Council for Science and Technolog kien siefer Londra f'għeluq il-wieħed u ħamsin sena tiegħu mal-assistenta personali tiegħu (Dok JPO 3)

**Ilment tal-appellanti:** kont tiela l-ajruplan mal-partner u tlett itfal sejjer għal birthday u lanqas mhi ta' interess pubbliku. In real time waqt li kont tiela oht Daphne Caruana Galizia ħaditilna r-ritratti qed tinterferixxi mal-ħajja privata tiegħi u t-tfal tiegħu ħassewhom vera skomdi.

Dok JP0 4 - 24 ta' Marzu 2016 fil-11.31am li permezz tiegħu Daphne Caruana ppublikat li huwa kien fuq il-ferry sejjer Pozzallo mal-karozza tax-xogħol flimkien mal-girlfriend tiegħu Lara Boffa u ma' Karl Stagno Navarra.

**Ilment tal-appellanti:** meta tlajt Sqallija ma xi ħbieb ġiet mxandra in real time . (seduta 25 ta' April 2017).

Dok JPO 5 - 13 ta' Marzu 2010 fit-22.04 hrs li permezz tiegħu Daphne Caruana Galizia ppublikat li l-appellanti kien fil-preżenza ta' min jidher fir-ritratt.

**Ilment tal-appellanti:** kont f'restaurant fil-għaxija u waqt li kont hemm ġibduli l-attenzjoni li tela dan il-blog post. Kelli żewġt itfal żgħar u proprjetà tiegħi tiġi esposta għall-attenzjoni kriminali.

Dok JPO 6 - 11 ta' Lulju 2012 fil-17.51 hrs li permezz tiegħu Daphne Caruana Galizia ppublikat li l-appellanti u Carmen Ciantar kienu għand nutar jagħmlu kuntratt ta' akkwist ta' xi ħaġa.

**Ilment tal-appellanti** : kelli kwalunkwe dritt li mmur uffiċju ta' nutar mal-eks mara tiegħu li ma kienitx persuna pubblika. Kien hemm nutar ieħor li b'mod mhux professjonali informa lil Daphne Caruana Galizia u li nkun qed nagħmel affarijiet personali mingħajr ebda affarijiet t'interess pubbliku.

Ra r-risposta tal-Kummissarju appellat li permezz tagħha huwa rrileva li l-ilment tal-appellanti jista' jagħti l-każ li jinkwadra ruħu fil-Konvenzjoni għall Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali speċjalment għal dak li jirrigwarda l-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu iżda mhux taħt l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data stante li l-whereabouts tal-appellanti ma jikkostitwixxu data personali ai termini ta' dan l-Att.

Ra x-xhieda prodotta mil-partijiet u l-prova kollha prodotti

**Ikkunsidra**

Li dawn il-blogs jikkonċernaw l-perjodu tas-snin 2010 u 2012 meta l-appellanti kien membru tal-Parlament Malti u fis-snin 2014 u 2016 fejn huwa ma kienx membru Parlamentari iżda kien Chairperson ta' Bord governattiv.

Li stante li l-ilment qed isir skond l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data dan it-Tribunal irid l-ewwel jiddeċiedi jekk il-Kummissarju għandux raġun fir-risposta tal-appell tiegħu.

Huwa għalhekk importanti li ssir distinzjoni bejn il-kunċett ta' protezzjoni u l-privatezza tad-data ai termini tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Konvenzjoni għall Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

Dan għaliex l-Kap 440 jiddefinixxi dan li ġej:

'data personali' bħala kull informazzjoni li tirrigwarda persuna natural identifikat jew identifikabbli ; (art 2)

'suġġett ta' data' bħala persuna naturali li lilha jkunu jirrigwardaw id-data personali (art 2);

'processar' u 'processar ta' data personali' hija din (art 2): "kull tħaddim jew sett ta' operazzjonijiet li jsiru dwar data personali sew jekk dan jiġi b'mezzi awtomatiċi sew jekk le, u tinkludi l-kollezzjoni, r-rekordjar, l-organizzazzjoni, l-ħin, l-adattament, il-bdil, l-irkuprar, il-ġbir, l-użu, il-kxif permezz ta' trasmissjoni, it-tixrid jew l-għemil xort ohra ta' informazzjoni disponibbli, l-allinjament jew il-kumbinazzjoni, l-imblokkar, il-kancellament jew il-qerda ta' tali data."

Iżda l-artiklu 5 tal-istess Att jagħmilha tassativa li dan l-att ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali meta dak l-ipproċessar jitwettaq minn persuna naturali fil-kors ta' attività purament personali. Recital 2 tad-Direttiva Directive 95/46 huwa ċar fis-sens li "*data processing systems are designed to serve man*" u li huma cioe dawn id-data processing systems "*must, whatever the nationality or residence of natural persons, respect their fundamental rights and freedoms.*"

L-istess huwa rifless fl-artikolu 6 tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta meta jgħid li xejn f'dan l-att ma għandu jkun ta' preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-libertà tal-espressjoni jew id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-istampa dwar il-libertajiet ġurnalistiċi. U li l-Kummissarju għandu jinkoraġġixxi l-abbozzar ta' kodiċi ta' kondotta adattat li jkun japplika għal ġurnalisti u għal medja sabiex jiġi regolat l-ipproċessar ta' xi data personali u l-kodiċi ta' kondotta għandu jipprovdi miżuri u proċeduri adattati biex jipproteġu s-suġġett ta' data, fil-qies

tax-xorta tad-data (art 6(2). L-art 6 (3) fin-nuqqas ta' tali kodiċi ta' kondotta, il-Kummissarju jista' jistabbilixxi miżuri u proċeduri speċifiċi biex jipproteġu s-suġġetti ta' data; f'dak il-każ sew il-ġurnalisti sew il-medja għandhom jikkonformaw ruħhom mal-miżuri u l-proċeduri hekk stabbiliti. Jidher li xejn minn dan sfortunatament għadu ma' sar. U għalhekk il-Kummissarju ma jistgħax japplika art 6(4) u cioe jipprojbixxi kull persuna konċernata milli twettaq kull proċessar, għal kollox jew f'parti, u jordna l-imblokkar ta' data meta, fil-qies tax-xorta tad-data l-mezzi tal-ipproċessar jew l-effetti li dan jista' jkollu jkun hemm riskju gravi ta' dannu rilevanti għal xi suġġett ta' data wieħed jew iktar.

Jiġi rilevat li l-Konvenzjoni għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-bniedem u Libertajiet Fundamentali Art 8 u c-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropeja art 7 -8 jipproteġu d-dritt tal-privatezza u tal-ħajja tal-familja. L-istess jagħmel l-artiklu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan ġara fil-każ ***Von Hannover v Germany (no 2)*** App no 40660/08 u 60641/08 (ECtHR7 ta' Frar 2012) fejn l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fasslet ħames kriterji li jistabbilixxu l-bilanċ bejn l-ħajja privata u d-dritt tal-espressjoni. Dawn huma:

1. *"There needs to be consideration of the degree to which the publication (be it a photo or an article) contributes to a debate of general interest which is to be judged on a case by case basis.*

2. *The status of the person concerned as a private individual or a public figure is also determinative since reporting on details of the lives of private individuals is less likely to contribute to "a debate in a democratic society" and thus, the press role as a "public watchdog" also diminishes in this case. Even though, in certain case, the public has the right to be informed of "aspects of the private life of public figures", the reason for this must be more than mere "public curiosity."*

3. *Prior conduct of the person with the press needs to be taken into account.*

4. *The way of publication of the photo or report as well as the manner of representation of the person concerned, need to form part of the consideration.*

5. *Whether the photo was taken with the consent of the persons concerned or was done "without their knowledge or by subterfuge or other illicit means 'is to be weighed' ". (Von Hannover v Germany (no 2) App no 40660/08 and 60641/08 (ECtHR 7 February 2012).*

Fis-sentenza tagħha l-istess Qorti fil-kawża ***Amann v Switzerland*** (6.2.2000 para 64): *"..the term "private life"must not be interpreted restrictively. In particular, respect for private life comprises the right to establish and develop relationships with other human being; furthermore, there is no reason of principle to justify excluding activities of a professional or business nature from the notion of 'private life' ".*

Però jibqa' l-fatt li dan l-appell qed isir ai termini tal-Kap 440 tal-ligijiet ta' Malta. Il-qorti Ewropeja tal-Ġustizzja fil-***Lindquist case*** (C-101/2001 tas-6.11.2003 para 24 l-Qorti mhux tad-Drittijiet tal-Bniedem iżda dik Ewropeja irriteniet li: "*The term personal data used in Article 3(1) of Directive 95/46 covers according to the definition in Article 2(a) thereof, any information relating to an identified or identifiable natural person. The term undoubtedly covers the name of a person in conjunction with his telephone coordinate or information about his working conditions or hobbies.*" Dan ifisser li l-Qorti rrilevat li "*referring on an internet page to various persons and identifying them by name or by other means, for instance by giving their telephone number or information regarding their working conditions and hobbies constitutes the processing of personal data with the meaning of directive 95/46 /Ce* ( l-istess decizjoni para 27). U para 25 l-istess qorti rritenietli "*The operation of loading personal data on an internet page must be considered to be processing.*"

Illi għalhekk mil-premess u mil-provi jirrizulta li:

L-informazzjoni li ngħataw hija dwar persuna naturali f'dan il-każ l-appellanti;

Li l-informazzjoni hija dwar jekk mhux hobbies dak li jagħmel huwa fil-hin liberu tiegħu;

Li tali informazzjoni inkixfet f'dan il-każ permezz tal-blogg in kwistjoni.

Li l-artiklu 5 tal-Kap 440 ma japplikax stante dan japplika biss meta l-ipproċessar tad-data personali jitwettaq minn persuna naturali fil-kors ta' attività purament personali f'dan il-każ mhux mill-appellanti iżda mil-blogger /ġurnalista Daphne Caruana Galizia.

Li għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-Kummissarju meta jikkontendi li l-Kap 440 ma japplikax f'dan il-każ u dan għar-raġunijiet li dan it-Tribunal espona hawn fuq.

Issa jonqos li dan it-Tribunal jikkunsidra jekk tali informazzjoni mertu ta' dan l-appell kisritx xi dispożizzjoni tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta. It-Tribunal jinnota li dawn kienu kollha okkażjonijiet li l-appellanti għamel fil-hajja privata tiegħu iżda f'Dok JP0 4 l-appellanti għoġbu li jmur Sqallija bil-karozza li jipprovdilu l-istat bħala pakkett għal kariga tiegħu. L-appellanti ma ġab ebda prova li huwa fil-kuntratt tiegħu setgħa juża din l-vettura għal skopijiet privati u għalhekk dan it-Tribunal għal dak li jirrigwarda Dok JPO 4 qed jiċħad l-appell tiegħu .

Għar-rigward Dok JPO1, JPO2, JPO3, JPO5 u JPO6, dan it-Tribunal jqis li l-informazzjoni pubblikata mil-blogger fil-blog tagħha hija biss kurżita u xejn aktar u għalhekk ma għandhom ebda aspett ta' interess pubbliku dwar dak li għamel l-appellanti fil-ħajja privata tiegħu mingħajr ma dak li għamel impinġa b'xi mod fuq ir-rwol pubbliku tiegħu. Kif irriteniet il-Qorti Ewropeja fil-preliminary ruling fil-każ ***Finnish Data Protection Ombudsman v Satakunnan Markkinaporssi oy and Atamedia OY***

16.12.2008: *thus activities may be classified as "journalistic" if their sole object is the disclosure to the public of information, opinions or ideas, irrespective of the medium used to transmit them (para 52-56, 59, 61).* Żgur li *'activities in the course of private of family life '* tal-appellanti ma jaqgħux taħt informazzjoni pubblika izda huma biss kurżitajiet u għalhekk ma humiex protetti la bil-Kap 440 u lanqas bid-dritt tal-espressjoni u l-Liġi tal-Istampa.

**Għaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat tat-18 ta' Novembru 2016 u jiddikjara li dok JPO1, JPO2, JPO3 , JPO5 u JPO6 kisru d-dispożizzjonijiet tal-Kap 440 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-ipproċessar tad-data u jirreferi l-kwistjoni lura lill-Kummissarju u jordna li huwa jerga' jikkunsidra mil-ġdid id-deċiżjoni tiegħu u jasal għad-deċiżjoni skont ir-riżultati ta' dan it-Tribunal kif jitlob l-artikolu 49(4) tal-Kap 440 tal-ligijiet ta' Malta.**

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina
Membru